**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna BA. LL.D.**

**Illum, 26 ta' Mejju 2000**

**Rikors Nru: 4B/96**

**Il-Perit u Arkitett Civili Joseph Barbara u Ivan Burridge bhala diretturi ghan-nom u in rappresentanza ta' Santumas Shareholdings Limited**

**vs**

**Salvatore Azzopardi**

Il-Bord,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti nomine et wara li ppremettew illi l-esponenti nomine jqabblu lill-intimati ir-raba tal-kejl ta' cirka hames mija u sitta u erbghin (546) qasab kwadri equivalenti ghal 2397.48 metri kwadri bl-irziezet konfinanti ma' propieta' tal-imsemmija kumpanija fil-kontrada "Tal-Kappara" Marsascala, versu l-qbiela ta' lira Maltija (Lm1) fis-sena li jithallas b'lura fil-15 ta' Awissu kull sena. L-ewwel skadenza hija fil-15 ta' Awissu 1996.

Illi l-esponenti ghandhom bzonn l-istess raba ghal konstruzzjoni fuqu ta' bini ghal skopijiet ta' residenza. Illi l-esponenti diga' ottjenew mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar il-permessi relattivi (Dok. A).

Talab prevja l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-intimat, jekk huwa ghandu dritt ghalih skond il-ligi, l-esponenti jitolbu umilment lil dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tar-raba fuq imsemmija ghal ragunijiet premessi.

Ra r-risposta tal-istess intimat a fol 7 tal-process li biha espona bir-rispett;

Illi fl-ewwel lok is-socjeta' rikorrenti ghandha tipprova t-titolu taghha dwar ir-raba imsemmi fir-rikors fil-kawza fl-ismijiet premessi.

Illi fit-tieni lok is-socjeta' rikorrenti ghandha tipprova illi l-permessi minnhom esebiti ghadhom vigenti.

Illi fit-tielet lok, it-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi r-raba li ghandu mqabbel ghandu l-esponent jifforma parti integrali mir-residenza tieghu.

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Ra l-atti kollha.

Ikkunsidra:

Illi in rigward it-titolu ta' proprjeta' fuq l-art in kwistjoni aventi l-kejl ta' madwar 546 qasab kwadri ossija 2397.48 metri kwadri, xehed Ivan Burridge (a fol 9 u 11 et seq tal-process) li specifika li l-istess art giet akkwistata mir-rikorrenti et nomine permezz ta' att pubblikat fil-21 ta' Ottubru 1965 minn Nutar John Micallef Trigona (ara Dok. B a fol 16 tal-istess atti kif ukoll id-dokument markat Dok. C a fol 14). L-istess xhud issottolinea u enfasizza li r-rikors in ezami ma japplikax "to the farmhouse as such but to the other lands".

Ikkunsidra

Illi in rigward permessi ta' bini issir referenza ghall-anness "Dok. A"  a fol 2 et seq tal-process fejn jinghad li inghata permess ghall-izvilupp mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar sabiex jinbnew erba' "maisonettes" fuq "plots" numru 9 u 10 Triq il-Kannizzata, Wied il-Ghajn (ara wkoll pjanta a fol 46 tal-process fejn issir referenza ghall-"area in blue" anzi plots 9 u 10 permit issued PA 2487/95).

Ikkunsidra

Illi l-intimat (a fol 36 ibid) fix-xhieda tieghu semma .. "li kull ma hemm iz-zewg irziezet u kejla raba" waqt li huwa joqghod f'wiehed mill-irziezet bl-iehor uzat minnu bhala mahzen.

Ikkunsidra

Illi a fol 45 ibid ossija ir-relazzjoni tal-membri teknici tal-Bord, jidher illi r-raba in kwistjoni jikkonsisti f'"cornor plot" tal-bini numru 9 fuq il-pjanta gia imsemmija u annessa mal-istess relazzjoni. Inoltre parti minnha hi zdingata waqt li gia tnehhiet il-hamrija. Fil-parti l-ohra hemm harruba, palma, bajtra tax-xewk u kamra antika. Bhala kumpens, dan gie likwidat fl-ammont ta' Lm60.

Ikkunsidra

Illi mill-premess jidher evidenti li t-talba tar-rikorrenti et nomine tista' tigi akkolta.

Ghaldaqstant il-Bord jilqa' t-talbiet in ezami u;

1. jawtorizza lir-rikorrenti et nomine sabiex jirriprendi l-pussess tar-raba in kwistjoni skond kif delineat bil-"blue" fuq il-pjanta, a fol 46 tal-process", li ghandha tifforma parti integrali ta' din id-decizjoni u ghal dan il-ghan l-intimat ghandu johrog mill-istess art sal-15 ta' Awissu 2000.

2. jillikwida il-kumpens dovut mir-rikorrenti et nomine lill-intimat fis-somma ta' Lm60 u;

3. Jordna lill-istess rikorrenti et nomine sabiex jhallsu lill-intimat l-istess ammont ta' Lm60.

In rigward spejjez kull parti ibati l-ispejjez taghha.

Alan Calleja
Dep.Reg.